**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Jesmond Cassar**

**Kaz Numru: 166/2015**

**Illum 4 ta' Mejju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Cassar ta' 40 sena bin Emanuel u Maryanne nee' Veneziani, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Ottubru 1974 u residenti Bin ital-Gvern, Flt 12, Triq il-Mithna, Bormla detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 509274M:

Talli nhar is-17 ta' Mejju 2013 u jew fil-granet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jisraq vettura u jew parti minnha ta' l-ghamla Citroen ta' lewn Blu bin-numru tar-registrazzjoni Bel 017 ghad-detriment ta' Isabel Camilleri minn Marsaskala u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonimigjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li huwa aktar opportun li ma tigix imposta piena karcerja izda minflok l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-addebitu tar-recidiva billi dan gie irtirat, u wara li rat l-artikoli 41(a), 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g) u 279 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena (1) millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jottemperax ruhha ma' din is-sentenza.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat